

# IL-BAGALJA

**VIA SAGRA**

Ħsibijiet u talb miktubin
miż-żgħażagħ Mġarrin

**L-EWWEL STAZZJON** Ġesù kkundannat għall-mewt

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evenġelju skont San Mattew**

Qalilhom Pilatu: "U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?". Weġbuh ilkoll: "Sallbu!". Hu staqsiehom: "Imma x'għamel ħażin?". Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: "Sallbu!" Imbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.



**Ħsieb**

Il-ħwienet tar-raħal huma l-qalb tal-komunità, post ta' servizz, divertiment u għajnuna, fejn jinbnew relazzjonijiet, u jipprovdu sens ta' għaqda. Iżda, bħalma Ġesù ġie kkundannat għall-mewt, xi kultant kelma tinbidel f'ġudizzju u għajdut. Filwaqt li qegħdin nirriflettu dwar il-kundanna tiegħek għall-mewt, Mulej, għinna niftakru l-importanza li l-ħajja tagħna għandha tkun mibnija fuq il-ġustizzja, l-imħabba, u r-rispett lejn xulxin.



**Talba**

Mulej, agħtina qalb li tisma' u tilqa', biex bil-kliem u l-għemil tagħna nkunu xhieda tar-rispett u tal-imħabba. Ifttħilna għajnejna sabiex inżommu lura minn diskors żejjed u minn għajdut li faċli naqgħu għalih bla ma nindunaw.

**Missierna, Sliema u Glorja**

## IT-TIENI STAZZJON

Ġesù mgħobbi bis-salib

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evangelju skont San Mattew**

Imbagħad is-suldati tal-gvernatur ħadu lil Ġesù fil-Pretorju, u ġabru quddiemu lil sħabhom kollha. Neżżgħuh, u xeħtulu fuqu mantar aħmar skur; qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk u qasba f'idu l-leminija, inxteħtu għarkupptejhom quddiemu, u qagħdu jiddieħku bih u jgħidulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!" Beżqu fuqu, u ħadulu l-qasba minn idu u bdew jagħtuh biha fuq rasu. Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu. U ħaduh magħhom biex isallbuh.



**Ħsieb**

Ejjew inpoġġu quddiemna l-esperjenza tal-anzjani li jġorru t-toqtol tas-snin u problemi fis-saħħa tagħhom. Minkejja d-djgħufija li jħossu, jibqgħu jġorru għerf, memorji, u lezzjonijiet prezzjużi. F'ċerti mumenti jista' jkun li jħossuhom dipendenti fuq l-oħrajn u dan jista' jġib miegħu sens ta' vulnerabbiltà u toqol. Tajjeb niftakru t-tbatija li jgħaddu minnha l-anzjani, u l-importanza li nkunu ta' preżenza u għajnuna kontinwa filwaqt li nagħtuhom prijorità f'ħajjitna.



**Talba**

Mulej, għinna sabiex il-ħajja mgħaġġla ta' kuljum ma ttelifniex milli nagħtu lill-anzjani l-importanza li jistħoqqilhom. Għallimna nisimgħu, nirrispettaw, u napprezzaw l-għerf li ġġib magħha kull fażi tal-ħajja.

**Missierna, Sliema u Glorja**

**IT-TIELET STAZZJON** Ġesù jaqa’ taħt is-salib

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b’salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija**

Iżda hu rafa’ fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa’ l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna. Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll.



**Ħsieb**

Fid-dinja tal-lum, iż-żgħażagħ jaffaċjaw ħafna toroq ġodda u differenti li jaf iġegħluhom iħossuhom bħal “nagħaġ mitlufa”; influwenzi ħżiena, dipendenza fuq il-midja soċjali, tentazzjonijiet, vizzji u deċiżjonijiet diffiċli. Kultant wieħed jista’ jitbiegħed mit-triq it-tajba mingħajr ma jinduna. Dan l-istazzjon ifakkarna li l-waqgħa mhix it-tmiem, imma jistedinna sabiex nerġgħu nqumu, nieħdu l-opportunità biex nitgħallmu u nkomplu mexjin fit-triq it-tajba.



**Talba**

Mulej, għin liż-żgħażagħ jgħarfu li inti dejjem tkun qrib tagħhom, anka f’mumenti ta’ diffikultà u tentazzjoni. Agħtihom il-kuraġġ sabiex, anke meta jaqgħu, jerġgħu jqumu u jibqgħu mexjin ’il quddiem b’fiduċja fik.

**Missierna, Sliema u Glorja**

**IR-RABA’ STAZZJON** Ġesù jiltaqa’ ma’ Ommu Marija

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b’salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Luqa**

Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b’dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: “Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta’ ħafna f’Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! - biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta’ ħafna.” U ommu kienet tgħożż f’qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.

**Ħsieb**

It-tfal tagħna, x’tfulija qed jgħixu? Kull tifel u tifla jitwieldu fi ħdan familja, iżda mhux kulħadd jikber fl-istess ambjent. Hemm familji kbar, oħrajn iżgħar; xi wħud huma mibnija fuq relazzjonijiet sodi u stabbli, filwaqt li oħrajn jistgħu jkunu aktar fraġli jew inqas siguri. Kull familja għandha r-realtà u l-isfidi tagħha. Għalhekk, it-trobbija li jirċievu t-tfal, flimkien maċ-ċirkustanzi li jgħixu fihom, għandhom influwenza qawwija fuq l-iżvilupp tagħhom. Dawn l-esperjenzi jiffurmaw il-personalità, l-emozzjonijiet, u l-mod kif it-tfal jaffrontaw il-ħajja fil-futur.





**Talba**

Mulej, żomm idejk fuq it-tfal kollha. Agħmel li jgħixu tfulija stabbli, mimlija bil-paċi, bil-ferħ u bit-tama. Żommhom ’il boghod minn kull periklu. Bierek lil kull tifel u tifla sabiex jikbru f’ambjent ta’ mħabba u għaqda, fejn iħossuhom siguri, apprezzati u milqugħa.

**Missierna, Sliema u Glorja**

## IL-ĦAMES STAZZJON

Ġesù mgħejun miċ-Ċirinew

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Mattew**

Huma u sejrin sabu raġel minn Ċireni, jismu Xmun, u ġagħluh jerfgħalu s-salib. [...] Imbgħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja".



**Ħsieb**

Bl-istess mod kif iċ-Ċirinew għen lil Ġesù jerfa' s-salib, ix-xogħol tal-għalliem m'huwiex biss li jeduka lit-tfal, iżda wkoll li jakkumpanjahom u jgħinhom jikbru kemm mentalment kif ukoll soċjalment. Kull student huwa uniku, b'personalità u bżonnijiet differenti. Għalhekk, l-għalliem għandu r-responsabbiltà li jadatta t-tagħlim tiegħu sabiex jilħaq lil kulħadd u jagħti appoġġ skont dak li jkollu bżonn kull tifel u tifla. Dan mhux dejjem faċli. Kultant jinqalgħu sfidi u diffikultajiet, iżda l-għalliem jibqa' joffri gwida, sabiex joħloq ambjent ta' mħabba u rispett, fejn il-klassi ssir bħal familja waħda.



**Talba**

Nitolbuk, Mulej, biex tagħti l-qawwa u l-għerf lill-għalliema kollha, sabiex ikunu jistgħu jaffaċċjaw l-isfidi li jinqalgħu fil-klassi u jwasslu l-valuri skont ma tixtieq minna inti. Għinhom sabiex ikunu ta' gwida u ispirazzjoni għall-istudenti kollha.

**Missierna, Sliema u Glorja**

## IS-SITT STAZZJON Ġesù jintmesaħ wiċċu mill-Verionika

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Ktieb tas-Salmi**

"Ejja," għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu"; jien wiċċek infittex, Mulej. La taħbix wiċċek minni, la twarrabx bl-herra l-qaddej tiegħek. Inti l-għajnuna tiegħi; tħallinix u titlaqnix, Alla tas-salvazzjoni tiegħi.



**Ħsieb**

Kemm hu sabiħ il-volontarjat: li tgħin u tagħti lil oħrajn mingħajr ma tistenna xejn lura! Iżda l-isbaħ volontarjat hu dak li jsir mill-qalb, b'imħabba u b'ġenerożità, mhux b'mod sfurzat. Il-volontarjat jista' jkun azzjoni żgħira, bħal meta wieħed jgħin fil-komunità jew jagħti daqqa t'id lil min għandu bżonn. Imma jista' wkoll jinvolvi sagrifiċċji kbar, bħalma jagħmlu dawk li jiddedikaw ħajjithom biex iservu u jgħinu lil nies fil-bżonn. Din il-ġenerożità narawha fil-Veronika, li wriet imħabbitha b'azzjoni sempliċi iżda sinifikanti ħafna: meta mesħet wiċċ Ġesù waqt it-tbatija tiegħu.



**Talba**

Mulej nitolbu għall-voluntiera kollha sabiex ma jitilfux il-passjoni u d-dedikazzjoni tagħhom. Agħtihom il-qawwa u l-kuraġġ biex jibqgħu involuti fil-vokazzjoni tagħhom, u kompli ħaddan u saħħaħ il-valuri tal-imħabba u l-ġenerożità fil-qlub tan-nies, sabiex ikunu dejjem lesti jgħinu lil ħaddieħor.

**Missierna, Sliema u Glorja**

**IS-SEBA' STAZZJON** Ġesù jerġa' jaqa' fl-art taħt is-salib

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet**

Jiena l-bniedem li ġarrabt l-hemm taħt ħater qilltu. Lili saqni u mexxieni, fid-dlam bla ebda dawl. Imbarrali t-triq b'ġebel minġur, għawwiġli mogħdijieti. Taħtanli biż-żrar snieni, u ġagħlni nitmiegħek fit-trab.



**Ħsieb**

Ġesu jaqa' għat-tieni darba taħt is-salib, u minkejja t-tbatija li kien għad fadallu jaffaċċja, reġà qam. B'dan l-istess mod, nies bħall-bdiewa u sajjieda jaffaċċjaw diversi ostakli fix-xogħol tagħom bħal elementi barra mill-kontroll tagħhom. Minkejja dawn l-isfidi, xorta jkomplu l-ħidma tagħhom bi spirtu ta' perseveranza u dixxiplina. Fl-aħħar mill-aħħar is-sid tan-natura huwa Alla l-imbierek. L-ikbar sodisfazzjon għalihom ikun li minkejja l-problemi kollha, l-prodott finali ikun ta' kwalità.



**Talba**

Mulej Ġesù, nitolbuk li tagħtina s-saħħa li naffaċċjaw l-isfidi li ngħaddu minnhom ta' kuljum. Niftakru b'mod speċjali f'dawk li jaħdmu xogħol ta' strapazz biex jafdaw fik u ttihom l-opportunità li jkunu ta' servizz għall-komunità.

**Missierna, Sliema u Glorja**

**IT-TMIEN STAZZJON** Ġesù jfarraġ lin-nisa ta' Ġerusalemm

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Luqa**

Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'! Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!' Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?"



**Ħsieb**

Waħda mill-ħafna affarijiet li tinkludi l-vokazzjoni tas-saċerdot hija li jfarraġ il-poplu t'Alla. Li jkun ta' spalla għal min qed ibati u ta' għajnuna u bastun għal min irid jimxi wara l-Mulej Ġesu. Però, ma ninsewx li s-saċerdot jibqa uman, bniedem bħal ħaddieħor u li jista' jiżbalja wkoll. Għalhekk għandu bżonn is-sostenn u it-talb tal-komunità. Iċ-ċentru tal-ħajja tiegħu huwa l-Mulej Ġesù.



**Talba**

Inqegħdu quddiemek Mulej Ġesu lis-saċerdoti kollha, għinhom jibqgħu fidili lejn il-ministeru tagħhom u li jkollhom żelu u mħabba lejn ix-xandir tal-bxara t-tajba. Fejjaq il-ġrieħi li jista' jkun inħolqu minħabba d-djufija umana tal-ministri tiegħek, anke fir-raħal tagħna fil-passat. Fuq kollox nirringrazzjawk tad-don sabiħ tas-saċerdozju u tal-akbar rigal li tagħtina permezz tas-saċerdot: lilek innifsek fl-Ewkaristija.

**Missierna, Sliema u Glorja**

**ID-DISA' STAZZJON** Ġesù jaqa' għat-tielet darba taħt is-salib

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet**

Tajjeb għall-bniedem li jerfa' l-madmad sa minn żgħożitu, li joqgħod waħdu u sieket, meta jgħabbihulu l-Mulej; li qiegħed ħalqu fit-trab, għandu mnejn jifdal xi tama; li jagħti ħaddejh lil min isawtu, li jimtela biż-żebliħ. Għax ma jarmix għal dejjem, lill-bniedem il-Mulej. Għaliex jekk hu jgħakkes iħenn skont il-kotra ta' tjubitu.



**Ħsieb**

Meta Ġesù waqa' għat-tielet darba taħt is-salib, xorta qam minkejja li kien jaf dak li kien ser jgħaddi minnu. Simili t'hekk, il-ġenituri jaffaċċjaw diversi sfidi fit-trobbija ta' uliedhom. It-tranżizzjoni minn koppja miżżewġa għal ġenituri hija bidla konsiderevoli li tieħu ż-żmien. Anke wara li jaffaċċjaw din il-bidla, xorta jistgħu jinqalgħu ċirkostanzi ta' tbatija. Niftakru b'mod speċjali f'dawk l-ġenituri li uliedhom tbiegħdu minnhom jew il-ġenituri li tilfu lill-uliedhom.



**Talba**

Mulej, filwaqt li dejjem ngħożżu d-don tal-ħajja, nitolbuk biex tħares lill-ġenituri, speċjalment dawk li għandhom tfal b'diżabiltà jew jaffaċċjaw sfidi kbar oħra, biex dejjem isibu l-faraġ fik. Inżommu f'talbna ukoll lill-koppji li ma jistax ikollhom t-tfal minkejja x-xewqa qawwija tagħhom.

**Missierna, Sliema u Glorja**

**L-GĦAXAR STAZZJON** Ġesù mneżżaʼ minn ħwejġu

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Mattew**

Meta waslu f'post jgħidulu Golgota, jiġifieri post il-Qorriegħa tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu, imma ma riedx jixorbu. Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti, u nxteħtu bilqiegħda u qagħdu hemm għassa tiegħu.



**Ħsieb**

Ġesù ġie mneżżaʼ minn ħwejġu qabel ma ssallab għalina. Bħalma Ġesù kien fi stat ta' vulnerabbiltà, hekk ukoll ikunu l-barranin fostna li ħallew ħajjithom warajhom bit-tama taʼ futur aħjar. Kemm nilqgħuhom aħna fostna? Kemm ngħinuhom biex jintegraw fil-komunità? Lesti verament nifhmu mit-tbatija li jgħaddu minnha biex jibdew ħajja ġdida hawn? Huwa dmirna bħala komunità li ngħinuhom kif nistgħu.



**Talba**

Il-Papa Ljun XIV kontinwament ilissen tħassib fuq t-trattament inuman taʼ persuni barranin fil-komunità. Mulej għinna nagħrfu li l-valur tal-bniedem m'huwiex mkejjel b'minn fejn ġej jew taʼ x'razza hu. Għallimna nitbiegħdu mill-ideat diviżivi taʼ aħna kontra huma.

**Missierna, Sliema u Glorja**

## IL-ĦDAX-IL STAZZJON Ġesù msallab mas-salib

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Mattew**

U qegħdulu fuq rasu l-kawża tal-kundanna tiegħu, li kienet tgħid hekk, 'Dan hu Ġesù, is-sultan tal-Lhud.' Imbagħad miegħu sallbu żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajruh iċaqilqu rashom u jgħidu: "Int li tħott it-tempju u fi tlitt ijiem terġa' tibnih, salva lilek innifsek jekk int l-Iben ta' Alla, u inżel minn fuq is-salib!" Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ u jgħidu: "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Hu s-sultan ta' Iżrael! Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih! Hu jafda f'Alla; ħa jeħilsu issa, jekk iħobbu! Għax hu qal, 'Jiena Bin Alla.' " U bl-istess mod bdew imaqdruh ukoll il-ħallelin li kienu msallbin miegħu.



**Ħsieb**

Ġesù imsallab fuq is-salib, vittma għat-tgħajjir. Hawn niftakru fin-nies vulnerabbli li jkunu għaddejjin minn mard fiżiku jew mentali. Hekk kif Ġesù ġarr is-salib tiegħu, il-mard huwa salib kbir li ħafna familji jaffaċċjaw, fejn kultant jwassal persuna biex jitlef it-tama fil-ħajja ta' kuljum.



**Talba**

Mulej nitolbuk tgħinna fil-mumenti fejn inkunu tlifna t-tama, sabiex niftakru fil-qawwa tiegħek u nsibu s-serħan fil-fidi tagħna. Agħti l-għajnuna tiegħek lil dawk il-persuni li għaddejjin minn kull xorta ta' mard biex jafdaw fik u jsibu l-konsolazzjoni fl-imħabba kbira tiegħek.

**Missierna, Sliema u Glorja**

## IT-TNAX-IL STAZZJON Ġesù jmut fuq is-salib

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Mattew**
Mis-sitt siegħa 'l quddiem waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U madwar id-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi u qal: "Eli, Eli, lema sabaqtani?" Jiġifieri, 'Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?' Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Lil Elija qiegħed isejjaħ dan!" U minnufih wieħed minnhom mar jiġri, qabad sponża mimlija bil-ħall, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob, waqt li l-oħrajn qalu: "Stenna, ħa naraw jiġix Elija jsalvah!" Imma Ġesù reġa' għajjat għajta kbira u radd ruħu.



**Ħsieb**
Il-mewt. Ġesù fl-aħħar mumenti ta' ħajtu, jinfired minn mal-umanità u jingħaqqad lura mal-Missier. It-telfa ta' xi ħadd għażiż għalina dejjem tħalli vojt, speċjalment għall-dawk li jispiċċaw romol. Fid-dalma ta' dawn il-mumenti, fejn il-kliem ma jistgħux jfarrġuna, niftakru fit-tama Nisranija: li l-mewt mhuwiex it-tmiem, imma l-bidu ta' ħajja ġdida.



**Talba**
Mulej Ġesù, ħares lil dawk il-persuni li bħalissa għaddejjin minn dan iż- żmien ta' telf. Nitolbuk tgħinhom sabiex quddiem il-mewt, fejn is-solitudni taħkimhom, isibu refuġju fik.

**Missierna, Sliema u Glorja**

## IT-TLETTAX-IL STAZZJON    Ġesù mniżżel mis-salib

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Mattew**
Iċ-ċenturjun u dawk li kienu miegħu għassa ta' Ġesù, kif raw l-art titheżżeż u jiġri dak kollu, imtlew b'biża' liema bħalu u qalu: "Dan kien tassew Bin Alla!" Hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod, dawk stess li kienu mxew wara Ġesù biex jaqduh sa minn meta kien għadu fil-Galilija.



**Ħsieb**
Bħalma l-bniedem jħossu vulnerabbli quddiem ir-realtà tal-mard u idur lejn it-tabib għall-kura, aħna wkoll f'mumenti ta' biżà nsibu faraġ u fejqan f'Alla. It-tabib għandu responsabbiltà biex isib kura b'mod etiku, li jżomm id-dinjità tal-pazjent u jħares il-ħajja f'kull stadju, filwaqt li jimxi mal-Evanġelju. M'hemm l-ebda ċertezza li t-tabib se jfejjaq il-mard kollu tagħna, però ċerti li hemm tabib ieħor, li huwa Alla, li dejjem lest biex ifejjaqna.



**Talba**
Ġesù, nitolbu għal dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa u għal dawk l-istudenti fi triqithom lejn din il-professjoni sabiex iħarsu l-valuri tal-ħajja bl-aħjar mod li jistgħu. Għinhom jagħmlu din il-vokazzjoni tagħhom mill-qalb biex isostnu u jqawwu l-qlub ta' dawk li qegħdin ibatu.

**Missierna, Sliema u Glorja**

## L-ERBATAX-IL STAZZJON      Ġesù midfun f'qabar ġdid

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna**.



**Mill-Evanġelju skont San Mattew**
Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq. Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar.



**Ħsieb**
Fost l-irwolijiet kollha li jinstabu fil-komunità tagħna, int ukoll għandek il-bagalja personali tiegħek. Kristu refa' fuqu it-tagħbijiet tiegħek u tal-komunità fuq is-salib. Fil-bagalja tiegħek ssib l-esperjenzi sbieħ li ma tixtieqx tinsa', kif ukoll ċertu ġrieħi tal-ħajja li jtaqqlulek il-bagalja iktar mill-oħrajn. Però, ftakar li l-bagalja se tibqa' timtela b'mumenti oħrajn li jkomplu jiffurmawlek ħajtek. Int, il-bagalja tiegħek, x'fiha? Qed tagħti ċans lil Alla jgħinek iġġorr din il-bagalja?



**Talba**
Nitolbuk Mulej sabiex tgħinna nidħlu fil-qabar miegħek u nagħrfu li dan mhux it-tmiem għax permezz tal-qawmien tiegħek, aħna nistgħu negħlbu kull tagħbija li għandna fil-bagalja tagħna.

**Missierna, Sliema u Glorja**

Kant għal waqt
il-Via Sagra

Imġarr